23 ta' Ġunju, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Joseph Azzopardi *versus* Rita Azzopardi

**Patrija Potestà — Mara — Tfal — Abbandun — Separazzjoni Personali — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Beni Dotali u Beni Parafernali — Art. 154 u 1362 tal-Kap. 23.**

*It-tfal leġittimi għandhom ikunu taħt is-setgħa ta' missierhom sakemm ma tkunx spiċċat il-patria potestà tiegħu fuqhom; u l-mara ma hix investita mil-liġi b'ebda attribut ta' patria potestà fuq it-tfal minuri tagħha.*

*Il-liġi ma tirrikonoxxix is-separazzjoni "di fatto"; u għalhekk, meta l-miżżewġin ikunu separati "de facto", ma hemmx lok għal ebda provvediment dwar it-tfal bħal ma jingħata fil-każ ta' pendenza jew deċiżjoni tal-kawża tas-separazzjoni personali—salv li l-Qorti tqis dejjem il-vantaġġ tat-tfal.*

*Ir-raġel huwa l-kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u taħt it-treġija tiegħu jaqgħu l-beni akkwisti sakemm ma jkunx għadu sar ix-xoljiment tagħha, jew sakemm ir-raġel ma jkunx iddekada mill-jeddijiet tiegħu ta' "dominus"; u sakemm tkun għadha sseħħ il-komunjoni jaqgħu taħt it-treġija tiegħu anki l-beni dotali u dawk estra-dotali (għax bla kitba taż-żwieġ) tal-mara.*

*Għaldaqstant il-mara li tabbandunat d-dar konjugali u tieħu magħha t-tfal u dawk il-beni hija obligata troddhom lir-raġel, mingħajr ma għandu jitqies, fl-azzjoni li r-raġel jagħmel kontra tagħha għar-restituzzjoni tagħhom, jekk hija kellhiex ġusta kawża biex tħalli d-dar ta' żewġha. Għax azzjoni simili ma għandhiex tiġi*

*konjuża ma' l-azzjoni tal-mara li tfittex lir-raġel għall-alimenti appart mill-ġudizzju tas-separazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, wara li ppremetta illi l-konvenuta, arbitrarjament u mingħajr ebda dritt, abbandunat u ħalliet id-dar konjugali Ħaż-Żabbar, u ħadet magħha t-tfal minuri komuni tagħhom, u ċjoe Joyce, Vincenzina u Carmelo, aħwa Azzopardi, u ġarret ukoll magħha l-oġġetti u effetti mobili, li huma in parti dotali u in parti tal-komunjoni ta' l-akkwisti; talab illi l-konvenuta tiġi kundannata li fi żmien qasir u perentorju, li jogħġobha tiffissa l-istess Qorti, tibgħat lura l-imsemmija tfal minuri, u tirrestitwixxi u tirritorna l-oġġetti u l-effetti mobili li hija ġarret kif fuq imsemmi, u riżultanti mil-lista annessa u markata dokument "A", u oħrajn li jistgħu jirriżultaw fil it-trattazzjoni tal-kawża, fid-dar konjugali tagħhom minn fejn hija kienet ħadithom; u in difett, l-attur jiġi awtorizzat juża l-mezzi kollha lilu mogħtija mil-liġi sabiex jieħu taħt il-kura tiegħu u fil-poter tiegħu dawn it-tfal minuri, kif ukoll l-imsemmija oġġetti u effetti mobili. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Frar 1952, u tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid, it-tnejn tal-18 ta' Frar 1952, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' April 1952, li biha laqgħet it-talba ta' l-attur, fis-sens li kkundannat lill-konvenuta biex, fi żmien perentorju ta' jumejn, tibgħat lura lill-attur it-tfal komuni taż-żwieġ ġa msemmija, Joyce, Vincenzina u Carmelo, aħwa Azzopardi, biex huwa mbagħad jikkollokahom fi żmien jumejn minn meta jirċevihom, fl-Istituti ġà msemmijin; kif ukoll tirrestitwilu u tirritornalu l-oġġetti u effetti mobili indikati fil-fol. 15 tal-proċess, biż-żieda tat-tmien kwadri u bin-nuqqas ta' dawk l-effetti indikati fix-xhieda tal-konvenuta tat-2 ta' April 1952; u f'każ li l-konvenuta tonqos li tagħmel hekk fiż-żmien fuq prefiss, l-attur ikun jista' jieħu t-tfal tiegħu u l-oġġetti fuq imsemmija, billi jinqeda bl-assistenza tal-marixxali ta' dawn il-qrati, li jibqa' awtorizzat li, bil-mezzi li tagħtih il-liġi, jieħu mill-poter tal-

konvenuta l-imsemmijin tfal u l-oġġetti u l-effetti wkoll ġa msemmijin; u rriżervat li jingħata kull provvediment li jkun meħtieġ dwar il-ħruġ jew it-trasferiment tat-tfal minn dawk l-istituti, u dan fuq rikors ta' kull wieħed mill-kontendenti. Dik il-Qorti ordnat li l-ispejjeż tħallashom il-konvenuta. Wara li kkunsidrat;

Illi jirriżulta li l-kontendenti ilhom miżżewġin xi ħames snin u nofs u għandhom tlitt itfal............... Malli żżewġu, il-kontendenti marru joqgħodu f'Bormla............, u baqgħu joqgħodu hemm sa ftit żmien ilu, meta marru joqgħodu Ħaż-Żabbar. Wara xi tliet ġimgħat li damu joqgħodu f'dan l-aħħar post, il-konvenuta, mingħajr ma qalet xejn minn qabel lill-attur, u fuq l-allegazzjoni li ma tistax tidra Ħaż-Żabbar, telqet minn dak il-post u marret toqgħod ma' ommha Bormla, u ħadet magħha l-oġġetti indikati fil-fol. 5 tal-proċess..................;

Illi dwar it-tfal ma hemmx kontestazzjoni li dawn huma tfal leġittimi, u bħala tali għandhom ikunu taħt is-setgħa ta' l-attur bħala missierhom (art. 154 Kodiċi Ċivili) — u dana skond ir-regola ġenerali "in potestate nostra sunt liberi nostri, quos ex justis nuptiis procreavimus" (Inst. Lib. I, tit. 9); u l-konvenuta ma hix investita mil-liġi minn ebda attribut ta' patria potestà fuq it-tfal minuri tagħha (Vol. VIII, 66). Għalhekk il-konvenuta għandha tibgħat lura lit-tfal minuri tagħha, ġà msemmijin, għand l-attur missierhom;

Però billi dawn it-tfal, minħabba l-età tagħhom, ma tantx jistgħu jirċievu l-kura u l-edukazzjoni meħtieġa, billi l-attur mal-ġurnata jkun fuq ix-xogħol, u tnejn mit-tfal, Vincenzina u Carmelo, iżjed u iżjed iridu kura assidwa. U hija regola li fil-kwistjonijiet rigwardanti l-abitazzjoni u l-edukazzjoni tat-tfal fid-dar tal-ġenituri tagħhom, għandu jittieħed konsiderazzjoni ta' dak li hu l-iżjed utili u vantaġġjuż għall-interessi tat-tfal (Vol. II, 324; III, 95; IV, 73). Konsegwentement, in vista ta' l-età tat-tfal, dawn għandhom, fl-interess tagħhom stess, jiġu kollokati, b'kura u bi spejjeż ta' l-attur, Joyce u Vincenzina fl-Istitut ta' San Ġużepp, Ħaż-Żabbar, u Carmelo fl-Istitut tal-Creche, tas-Sliema. Il-kontendenti jkollhom il-fakoltà li jinvistaw lil uliedhom fil-ħini jiet u fit-termini tar-regolamenti stabbiliti f'dawk l-Istituti;

— Illi dwar il-mobbli jingħad li l-oġġetti indikati fil-fol. 5 tal-proċess, biż-żieda ta' tmien kwadri u bil-modifiki magħmula mill-konvenuta fix-xhieda tagħha (fol. 29), għandhom jiġu restitwiti minnha lill-attur. Infatti dawk l-oġġetti in parti huma tal-komunjoni ta' l-akkwisti, li tagħha l-attur huwa l-kap u għandu l-amministrazzjoni tagħha (art. 1362 Kodiċi Ċivili), u b'ebda mod ma jirriżulta li dik il-komunjoni ġiet xjolta, u in parti huma, skond iċ-ċitazzjoni, dotali. Għad li dawn l-aħħar oġġetti ma jistgħux proprjament jissejħu dotali, għaliex ma jirriżultax li ż-żwieġ bejn il-kontendenti ġie preċedut b'kitba taż-żwieġ, u b'liġi espressa (art. 1292 (2) Kodiċi Ċivili) huma dotali biss il-beni li l-mara tagħti lirraġel jew li jingħataw lilha b'kitba taż-żwieġ, b'dana kollu, anki jekk dawn l-oġġetti huma, kif jidher, parafernali jew estradotali, l-istess beni għandhom ikunu taħt it-treġija ta' l-attur, għaliex il-mara għandha biss it-treġija ta' dawn il-beni (art. 1388 Kodiċi ċit.), meta ma hemmx il-komunjoni ta' l-akkwisti (art. 1386), li ma jirriżultax li ma teżistix fiż-żwieġ bejn il-kontendenti;

Rat fol. 31 in-nota ta' l-appell tal-konvenuta, u fol. 32 il-petizzjoni tagħha għar-revoka ta' dik is-sentenza u ċ-ċaħda tat-talbiet, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Ma hux kontrastat illi l-konvenuta appellanti, mart l-attur, qabdet u telqet mid-dar konjugali, u ħadet magħha t-tfal komuni u l-oġġetti indikati fil-proċess;

Il-gravam, li issa hija qiegħda tiddeduċi, jikkonsisti fl-argument illi hija kellha raġuni tajba biex tħalli d-dar;

Evidentement id-difensur ta' l-appellanti qiegħed jikkonfondi aspett ġuridiku ma' ieħor. Kieku l-kawża kienet tikkonsisti f'azzjoni intentata mill-mara għall-alimenti, apparti mill-ġudizzju tas-separazzjoni (azzjoni ammissibili skond il-ġurisprudenza reċenzjori — ara P. A. "Conti vs. Conti", 12. 12. 35, u s-sentenzi fiha ċitati), allura l-pont kien ikun jekk hija ħallietx id-dar konjugali għal raġuni ġusta jew le. Iżda f'dan il-każ il-kawża hija azzjoni intentata mir-raġel biex martu, li abbandunat id-dar konjugali, tagħtih lura t-tfal u l-oġġetti li ħadet magħha. Għalhekk il-prinċipji li jirre-

golaw din il-vertenza huma assolutament diversi, u huma dawn;—

1. It-tfal huma suggetti għall-patria potestà ta' l-attur, missierhom;

2. Ma jirriżultax li din il-patria potestà spiċċat għal xi raġuni minn dawk imsemmija fl-art. 176, 180 u 182 Kap. 23, sa fejn applikabili għall-fatt speċje;

3. Il-liġi ma tirrikonoxxix is-"separazzjoni di fatto" (ara App. "Mallia Tabone utrinque", 16. 6. 1909, u ara App. Infer. "Mangion vs. Formosa", 2 ta' Ġunju 1915, fejn is-separazzjoni "de facto" ġiet imsejħa "stato irregolare cui la legge non attribuisce alcun effetto giuridico"). Għalhekk ma hemmx lok għal ebda provvediment dwar it-tfal, bħal ma jingħata fil-każ ta' pendenza (art. 55), jew deċiżjoni tal-kawża tas-separazzjoni (art. 68) — salv li l-Qorti tqies dejjem, kif għamel l-ewwel ġudikant, il-vantaġġ tagħhom;

4. Kwantu għall-oġġetti; għal dawk li huma ko-akkwisti l-attur, ġa ladarba ma hemm ebda deċiżjoni dwar xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, jew dwar id-dekadenza tiegħu mill-jeddijiet relativi għall-akkwisti, baqa' "dominus"; u għal dawk li huma estradotali (għax bla skritta nuzjali) it-treġija tagħhom, ġa ladarba hemm il-komunjoni, tmiss lir-raġel;

Minn dawn il-prinċipji toħroġ il-konsegwenza li r-raġuni li għaliha l-konvenuta telqet mid-dar ma tiswiex f'din l-azzjoni, għalkemm tista' talvolta tkun ta' siwi f'azzjonijiet oħra. U toħroġ ukoli il-konsegwenza li l-attur għandu d-dritt li jirrikjama t-tfal u jieħu lura l-oġġetti;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi. It-terminu mogħti mill-Ewwel Qorti jibda jgħaddi mil-lum.